MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 135/2009

**Marsa Steel Company Limited (C3802)**

**Vs**

**Bisazza Developers Limited (C43784)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' elf, tlett mija u hamsin Euro (€1,350) rapprezentanti bilanc ta' somma akbar, liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' servizz moghti mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha, skond fattura datata l-1 ta' Dicembru, 2008, kopja hawn annessa u mmarkata Dok 'MS'.

Illi s-socjeta' konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja datata l-1 ta' Dicembru, 2008 u ta' l-ittra ufficjali datata 9 ta' Dicembru, 2008 mibghuta ai termini ta' l-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bl-imghaxijiet mill-5 ta' Dicembru, 2008 kontra s-socjeta' konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-attti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Ra illi gie pprezentat kapitolu fis-seduta tas-16 ta' April, 2009 mill-PL Noel Xerri u l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra illi s-socjeta' konvenuta naqset tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------